Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 301/2015

Il-Pulizja

Vs

Joseph Said

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Said detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 39372M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-9 ta' April, 2014 ghall-habta ta' 1.20 am fi Triq Brighella, Santa Venera:

(1) Saq jew ipprova jsur jew kellu kontroll ta' vettura Nru. GBG-048 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
(2) W'aktar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun irrifjuta jew naqas li jghati kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jghamel hekk skond il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u mmultatu multa ta' €1200 liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €50 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Lulju, 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija mighajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor kif ukoll tissospendilu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat il-licenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi din ghandha tigi ritornata lill-akkuzat wara li jkun skada it-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Joseph Said, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-5 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament tinfliggi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Said huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-uniku aggravju tal-esponent huwa kjarament wiehed limitat ghall-mod dwar kif l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi migjuba quddiemha, senjatament fir-rigward ta' dak illi gie riprodott fir-rigward tal-kundizzjoni medika tal-esponent, u dan kif prodott kemm minn naha tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza.

Illi jibda sabiex jigi ndikat li f'pagna 3 minn 10 tal-'Full Road TrafficAccident Report' hemm senjalat illi 'Il-Pulizija giet infurmata Ii Joseph Said qieghed taht kura psikjatrika ta' Dr David Vella' hu qieghad jiehu ammont ta' pirmli'.

Illi ghar rigward ta din l-kundizzjoni terga ssir reterenza f'pagna 10 minn 10 ta' l-istess rapport fejn f'paragrafu 6 hemm indikat illi 'PS 830 avvicinatu persuna li xtaq

jibqa kunfidenzjali fejn stqarr li Joseph Said qieghed jiehu kura psikjatrika kif ukoll qeighed jiehu ammont ta' medicina biex tigi sospenduta il licenzja ta' sewqan'

Illi filwaqt li l-gurisprudenza nostrana tghallimna illi 'generalment, fatturi rilevanti ghal koillzoni jirrizultaw mir-rapport maghmul mill-pulizija a tempo vergine huwa sorprendenti ferm ghad-ditiza illi fl-affidavit tal-ufficjal tal-Pulizija, s-Surgent 830 Chris Debono, filwaqt li dan l-ufficjal kellu hin ampju sabiex jkun elaborattiv u jidhol f'tant dettal fir-rigward ta fatturi ohra relattati ma l-istess akkadut, sfortunatament ghall-esponent, huwa ma jaghmei l-ebda referenza ghal-istat mediku tieghu fejn dan setgha ssarraff pregudizzju ghall-istess esponent meta l-Ewwel Qorti giet sabiex tiddelibera fuq dan il-punt.

Illi gustament, ukoll f'dan il-kuntest wiehed ta' bil-fors jirrimarka dwar x'seta' kien ezatt il-mottiv ta dik il-persuna 'li xtaq jibqa kunfldenzjali'u x'piz setgha kellu fuq dak li effettivament ngieb bhala prova minn naha tal-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, fejn mill-kliem rraportat ma jidher illi kien hemm l-ebda intenzjoni ohra minn naha ta din li-persuna ghajr li tara illi 'tigi sospenduta illcenzja ta' sewqan ta' l-esponent!

Illi d-difiza minn naha taghha, precizament u in sostenn ta' dan il-punt, pprezentat tezi kronologika u dokumentata dwar il-kundizzjoni medika ta l-esponent kemm qabel, waqt kif ukoll wara l-akkadut imsemmi.

Illi c-certifikat mediku bin-numru tar-registrazzjoni C 548142 datat 08 ta' Novembru 2013 li sal-lum ghadu wiehed miftuh ('open'), jiccertifika lil esponent bhala persuna li tbati minn 'Anxiety Disorder', kundizzjoni illi hija kkurata permezz ta' somministrazzjoni ta medicina t'forma ta' pilloli ta' tip Cipralex , Akamen u Anafranil rispettivament, u dawn hekk kit indikati fuq ricetta li ggib il-firma tal-konsulent psikjatriku Dr David Cassar bid-data tat-3 ta' April 2014.

Illi d-difiza oltre dawn iz-zewg certifikati medici, ntavolat ukoll kopja tal-Applikazzjoni ghal Pensjoni ghal invalidita ffirmata minn idejn l-istess konsulent psikjatriku u datata 15 ta' Mejju 2014 fejn din tkompli sabiex tixhet dawl ampju fuq il-kundizzjoni ta' l-esponent illi rrendietu / tirrendih 'Severely disabled since a

young age' kif ukoll 'very marked secondary generaused anxiety with tension, fear...ntense distress'.

Illi meta rinntaccjata b'sitwazzjoni tali, fejn l-esponenti mhux b'kappricc m'accettax li joqghod ghat test tan-nifs imma sforz kundizzjoni jew kundizzjonijiet simfli, il-Qrati taghna, senjatament fil-kawza deciza nhar l-20 ta' Frar, 2014, Pulizija (Spt. M.Stella Attard) vs Matthew Munro', per Onor. Imhallef Micheal Mallia, il-Qorti tal Appell Kriminali, rrikonfermat il-liberatoria moghtija minn naha ta l-Ewwel Qorti dwar ritjut illi jinghata kampjun tan-nifs u dan abbazzi tal-fatt li 'l-appellant ibati minn certa kundizzjonijiet psikici li jpogguh taht stress qawwi u jista' jaghti l-kazi illi r-rifjut tal-breathalyzer fl-ghassa ta' San Giljan kien kondizzjonat ma din is-sitwazzjoni medika illi kien ibati minnha l-appellant dak il-hin.'

Illi in linea mas-suespost u sabiex tirriafferma aktar il-posizzjoni taghha, d-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kompliet sabiex ipprezentat ukoll informazzjoni emergent minn sit eletroniku rinomat, dwar x'jistu' jkun s-sintomi generali abbinati mal-kundizzjoni ta 'Anxiety Disorder' fejn dawn jinkludu izda mhux biss, 'Feelings of panic, fear and uneasiness, Shortness of breath, An inabillty to be still and calm, Dry mouth, Nausea, Muscle Tension 'kif ukoll ' Diziness';

Illi allacjata ma dan l-insenjament tirrizulta wkoll sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede lnterjuri) per Onor Imhallef Lawrence Quintano, deciza nhar fejn il-1 ta Novembru, 2013, Il-Pulizija (Maggur J. MicaIlef Engerer) vs Clint Gatt', abbazi tal-fatt illi 'l-akkuzat pprezenta in difiza tieghu ittra guramentata mill-Psikologa Dr. Ethel Feilce, fejn fi ftit kllem il-Psikologa tispjega l-kundizzjoni li ghandu l-akkuzat, lema rapport juri bic-car illi l-akkuzat jsofri minn phobic anxiety disorder' u 'he presents with symptoms of fearfulness with somatic symptoms which include palpitations, sweating, tremor and chest pain' fejn, b 'differenza mill-kaz odjern, dawn is-sintomi gew wkoll ikkolaborati fix-xhieda tal-kuntistabbli pero' dak iz-zmien ma' kienx jaf il-kundizzjoni li jbati biha l-akkuzat, in vista ta' dawna l-fatti u r-rapport, il-Qorti gustament ma sabitx htija ta' l-akkuza numru (7) ai fini tal-proviso ta' l-artikolu 15E.'

Illi filwaqt li l-gurisprudenza nostrana tkompli sabiex tindika illi 'meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita li trid tezisti independentement mill-istat ta' intossikazzoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll independentement mill-ansjeta dovuta ghall-fatt li dik il persuna tkun involuta f'incident awtomobiIistiku dawn il-fatti, mehuda partikolarment f'kuntest dijametrikament oppost ghall-fatti li setghu rrizultaw skond l-Ewwel Qorti', ghandhom jkomplu sabiex jservu ta' spjegazzjoni konkreta dwar il-ghaliex, verament, l-esponent 'beda jixxengel u jistrieh ma vetturi ohra li kienu pparkjati' kif ukol li 'd-diskors tieghu ma bediex jaghmel sens kif ukoll beda jghid hafna kliem fil-vojt"

Illi di piu, l-fatt minnunfih li l-esponent kien fi stat ta sakra peress li bdiet tinxtamrn riha ta' xorb alkoholiku hierga minn halqu meta beda' jkellem lill-PS83O, m'hiex kwistjoni jekk il-pulizija qalx il-verita' o meno. Il-kwistjoni hi li l-pulizija strahet fuq is-sens ta ' xamm taghha. Dan ma hux xi test oggettiv. Il-ligi penali hi cara hafna. Is-soggettivita' ma ghandhiex post f'dawn il-proceduri ghajr meta jkun hemm provi ohra oggettivi il jikkonvincu illi min qed jisma 'dan l-appell illi hemm provi bizzejjed u skont il-ligi biex l-appellant jigi misjub hati fl-ghar ipotezi ghall-appellant hemm konflitt ta 'provi li f'dan il-kaz ghandu jmur a favur l-appellant.

Illi mill-istess affidavit ta PS 830 jirrizulta l-fatt illi l-esponent kien 'qieghed taht arrest; punt dan, li jkompli johloq kuntrast f'dak li kellu effettivament jsir minn naha tal-pulizija tal-kuntest tas-suspetti taghha versu l-esponent u dan partikolarment abbazi tal-fatt li meta 'persuna li tirrifJuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan-nifs, jigifieri ghall-finijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-roadside test tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15 D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15 D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe 'fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall-analizi u minnghajr raguni valida skond il-ligi tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15 E (4)'.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti hija wahda limitata ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan billi ma haditx in konsiderazzjoni l-istat ta' sahha mentali tieghu u dan meta giet biex tqies il-kundizzjoni li kien fiha meta sehh is-sinistru stradali mertu tal-kaz tant illi sabitu hati ta'l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Fil-fatt huwa jinsab taht kura psikjatrika u anke jiehu ammont ta' pilloli kuljum kif jinsab anke rappurtat fir-rapport imhejji mill-ufficjal tal-pulizija li investiga dan il-kaz. Allura l-appellanti mhux b'kapricc irrifjuta li joqghod ghat-test tan-nifs, meta gie mehud fl-ghassa tal-pulizija ghal dan il-ghan, imma sforz il-kundizzjoni medika tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' ix-xhieda kollha li xehdu *viva voce* f'dawn il-proceduri. Illi l-parti leza f'dan il-kaz, il-konjugi Xuereb, jaffermaw illi l-appellanti habat f'vetturi ipparkeggjati meta kien ghaddej minn Triq Rigella Santa Venera u dan ghal habta tas-siegha u nofs ta' fil-ghodu. Illi Wayne Xuereb u martu Luana, li joqoghdu fl-istess triq u li wahda mill-vetturi li habat fiha l-appellanti tappartjeni lilhom, ighidu illi meta avvicinaw lill-appellanti huwa kellu rasu mixhuta fuq l-i*steering wheel* tant illi ghall-ewwel hasbu li kien wegga' f'dan l-incident. Jidher madanakollu illi l-appellanti ma kienx ferut, izda ma kienx f'sensieh tant illi meta inhareg mill-vettura xi ftit tal-hin wara mill-pulzija lanqas felah jimxi,

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

beda jixxengel u izomm mal-vettura meta fl-ahhar mar jinxtehet bil-qieghda fuq ghatba fil-vicin. Mhux biss izda jidher illi l-appellanti lanqas beda jikkopera mal-pulizija tant illi beda jipprova isuq il-vettura tieghu biex jitlaq minn fuq il-post ghalkemm bl-impatt kienet iqnalghet ir-rota ta' wara tal-vettura tieghu tant illi din ma setatx tinstaq. Illi ghalkemm il-konjugi Xuereb ighidu illi huma lill-appellanti ma kellmuhx, madanakollu huwa gie mitkellem minn PS830 Chris Debono li fl-affidavit tieghu ighid illi mal-ewwel "***bdiet tinxtamm riha qawwija ta' xorb alkoholiku hierga minn halqu***". Ikompli is-surgent "***... meta din il-persuna nizlet mill-karozza diversi drabi beda jixxengel u jistrieh ma' vetturi ohra li kienu ipparkjati. Jiena provajt inkompli nkellem u nikkontrolla lil din il-persuna fejn meta beda jkellimni lura d-diskors tieghu ma bediex jaghmel sens kif ukoll beda ighid hafna kliem fil-vojt.***"

Illi certament dawn il-provi skjaccanti dwar il-kudnizzjoni li kien jinsab fiha l-appellanti fil-jum mertu ta' dan il-kaz ma humiex indikattivi ta' persuna li tbati minn kundizzjoni ta' sahha mentali kif allegat minnu, jew inkella indikattivi ta' xi effett tal-pilloli kif indikat minnu fix-xhieda tieghu, izda kjarament dawn il-provi jirriflettu sintomi  ta' bniedem fis-sakra. Illi tant ma kellux kontroll tieghu innifsu illi sahansitra lanqas kien jiflah jimxi u lanqas kien kapaci jikkomunika mal-pulizija, *multo magis* allura lanqas ma kien f'kundizzjoni li ikollu kontroll shih fuq il-vettura li kien qed isuq. Illi f'dan il-kaz ghalkemm ma hemmx il-prova xjentifika illi l-appellanti kien fil-fatt xurban, madanakollu il-provi cirkostanzjali l-ohra huma tant determinanti illi din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti setghet ragjoneveolment tasal biex tistabilixxi r-reita' fl-appellanti ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni jaqra hekk:

**"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fittriq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

Illi l-gurisprudenza tghallem li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

**"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.**

**Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."** [2]

Illi kif imfisser f'dan it-taghlim gurisprudenjzali huwa bil-wisq evidenti illi l-appellanti ma kellux dik il-kapacita fizika u mentali essenzjali sabiex huwa ikun jista' isuq vettura fit-triq u dan minghajr ma ikun ta' periklu ghalih innifsu u ghall-ohrajn. Xhieda ta' dan huwa il-komportament tieghu wara l-impatt li kien indikattiv ta'l-istat ta' inebrijta' tieghu.

Illi d-difiza li iressaq l-appellanti hija tali li tista' tghinu biss fir-rigward tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe' l-akkuza dwar ir-rifjut da parti tieghu illi joqghod ghat-test tan-nifs. L-appellanti jikkontendi li ibati minn certa kundizzjonijiet psikici illi jpogguh taht *stress* qawwi u kien minhabba f'hekk illi irrifjuta joqghod ghat-test tal-*breathalyzer* fl-ghassa tal-pulizija. Illi din il-Qorti ma ghandhiex dubbju mic-certifikati medici esebieti mill-appellanti li jindikaw illi huwa ibati minn *anxiety*

---

[2] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

*disorder* u depressjoni, tant illi t-tobba iqisu illi din il-kundizzjoni "***has led to him living in a very chaotic and unhealthy environment***[3]". Certament il-fatt li kien jinsab taht arrest gewwa ghassa tal-pulizija meta di' piu kien bl-effett tax-xorb alkoholiku wassal sabiex l-kapacitajiet tieghu mentali li jifhem dak li kien qed jigri ma kenux tajba u dan seta' iwassal sabiex huwa irrifjuta joqghod ghat-test tan-nifs.' Illi ghalhekk abbazi ta' dawn il-provi dokumentali il-Qorti sejra tillibera lill-appellanti mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell in parte, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellanti ghall-ewwel akkuza qed tirriformaha fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghat-tieni akkuza u tillibera lill-appellanti mill-istess. Madanakollu billi l-piena inflitta hija wahda fil-minimu preskritt fil-ligi allura ma huwiex ser ikun hemm varjazzjoni f'dik il-parti tad-decizjoni impunjata u ghalhekk tikkonfermaha fl-intier taghha b'dan illi z-zmien preskritt mill-Ewwel Qorti ghall-pagamenti rateali tal-multa inflitta u ghas-sospensjoni tal-licenzja ta-sewqan ghandhom jibdew jidekorru mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[3] Fol.50 et. Seq tal-process